# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni nru. 564/21

Spettur Stephen Galea

Spettur Lydon Zammit

Spettur Michael Vella

Vs

Dante Buhagiar

Illum 18 ta' Lulju 2022

Il-Qorti;

Quddiem il-Qorti Diversament presjeduta deher

L-imputat Dante Buhagiar ta' 18 il-sena iben Mario Buhagiar u Michelle Bugeja nee Bugeja mwieled Pieta nhar it-22 ta' Jannar 2003 , resident gewwa 37 Triq Monsinjur Dandria Msida u detentur tal-karta tal-identita bin numru 191303L akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2021 bejn il-17;00 hrs ta' wara nofsinhar u s-19:00 hrs ta '

wara nofsinhar minn gewwa l-fond nru 150 Triq il-Punent Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommettejt serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Giorgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u sebghin sena u/jew persuna/I ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) u bil-lok;
2. U aktat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Georgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u seghin liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Kenneth Falzon detettur tal-karta tal-identita bin-numru 420594M tal-Berga tas-Sahha tal-Floriana;
3. Fl-istess data , hinijiet, lok u cirkostanza kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Malta) Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D datat 9 ta' Settembru 2020 liem sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;
4. Fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzai kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Malta) Magistrat Dr Rachel Montebello LL.D datat 29 ta' April 2021 liem sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti hi gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi tapplika wkoll l-artikoli 383,384,385,412C tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Prosekuzzjoni Prezentat u qrat l-akkuzi.

Sar l-ezami tal-Imputat.

Illi wara ammissjoni l-Qorti diversament presjeduta ikkundannat lill-imputat ghal tlett xhur prigunerija effettivi kif ukoll ordnat li t-termini tal-Ordnijet ta’ Probation taht is-sentenza tad-9 ta’ Settembru 2020 u dik tad-29 ta April 2021 jergghu jidbew jiddekorru mil-lum u testendihom ghal zmien tlett snin.

L-Avukat Generali intavola Appell fuq l-aggravju li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati mhux dik ravvizata fil-Ligi u talbet li tigi ikkonfermata dik il-parti tas-sentenza fejn l-imputat instab hati tal-imputazzjonijjet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tigi imhassra dik il-parti tal-piena billi minflok il-piena nflitta tigi inflitta piena idoneja u gusta skont il-Ligi.

Fit-28 ta’ Ottubru 2021 inghatat sentenza mill-Onor Qorti ta’ L-Appell Kriminali fejn annullat is-sentenza appellata u ghazlet li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex tkun dik il-Qorti li terga tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-Ligi.

Fl-10 ta’ Novembru 2021 L-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja per il-Magistrat Dr Monica Vella LL.D astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kaz ai termini tal-artikolu 734(1)(d) ii u ordnat li l-kawza tinbaghat lir-Registratur tal-Qrati Krimnali u Tribunali sabiex tigi riassenjata skond il-Ligi.

Il-Kawza giet appuntata mill-Qorti tal- Magistarati (Malta) bhala Qorti Istruttorja per il-Magistat Dr Joseph Mifsud LL.D ghall-25 ta` Novembru 2021.

Fil-25 ta’ Novembru 2021 l-ufficjali prosekuturi qraw u ikkonfermaw ic-citazzjoni bil-gurament.

L-imputat rregistra ammissjoni fuq l-akkuzi migjuba kontrih.

Saret talba sabiex isir pre-sentencing report liema talba giet akkordata.

Fil-21 ta’ April 2022 ai termini tal-artikolu 11(9) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili Artikoolu 520(1)(a) tal-Kodici Kriminali dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif prezenzjalment presjeduta.

Rat illi l-imputat Dante Buhagiar ta’ 18 il-sena iben Mario Buhagiar u Michelle Bugeja nee Bugeja mwieled Pieta nhar it-22 ta’ Jannar 2003, resident gewwa 37 Triq Monsinjur Dandria Msida u detentur tal-karta tal-identita bin numru 191303L akkuzat talli nhar l-1 ta’ Settembru 2021 bejn il-17;00 hrs ta’ wara nofsinhar u s-19;00 hrs ta ‘ wara nofsinhar minn gewwa l-fond nru 150 Triq il-Punent Valletta u f’dawn il-Gzejjer;

5. Ikkommettejt serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Giorgia Buhagiar anzjana ta’ sebgha u sebghin sena u/jew persuna/I ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Euro 2,329.37) u bil-lok;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li toqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Georgia Buhagiar anzjana ta’ sebgha u seghin  liema hsara hija ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr Kenneth Falzon detettur tal-karta

tal-identita bin-numru 420594M tal-Berga tas-Sahha tal-Floriana;

7. Fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanza kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Malta) Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D datat 9 ta' Settembru 2020 liem sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
8. Fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzai kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura Kriminali (Malta) Magistrat Dr Rachel Montebello LL.D datat 29 ta' April 2021 liem sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti hi gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat gahll-hlas ta' spejjes li jkollhom xc'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal- Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tapplika wkoll l-artikoli 383,384,385,412C tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Fis-seduta tat-18 ta Lulju 2022 l-imputat rega ammetta l-imputazzjonijet.

Semghet ix-xhieda u rat il- provi u d-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsiderat

Illi Il-Probation Officer Marilyn Attard ippresentat ir-rapport taghha, Pre-sentencing Report. Dok MA fid-9 ta' Mejju 2022.

Illi f'dan ir-rapport iddettaljat hemm ir-rakkomandazzjoni li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja izda ghandu jigi ikkunsiderat l-problema akuta tal-imputat ta' dipendenza tad-droga oltre li gie accennat ukoll t-trawmi fil-passat tieghu.

Ikkunsiderat

Illi sa mill- bidu l-imputat ammetta l-imputazzjonjiet dedotti kontrih, izda wiehed ma jistax ma jiehux in konsiderazzjoni ukoll li f' temp qasir l-imputat ikkommetta sensiela ta' reati. Illi minn dan jidher idoneja piena karcerarja. Dan hu ikkonfermat ukoll mir-rakkomanzazzjoni kontenuti fil- pre-sentancing report tal-Probation Officer Marilyn Attard . Oltre dan jidher car li l-imputat jehtieg ghajnuna sabiex jindirizza t-trawmi passata tieghu kif ukoll l-problema akuta ta' dipendenza tad-droga . Il-Qorti tinnota ukoll l-eta' zghira tal-imputat li ghalkemm adult ghandu anqas minn 20 sena u b'hekk aktar hemm tama li l-ghajnuna tirnexxi.

Illi ma ingiebu l-ebda provi rigwardanti dak mitlub ai termini tal artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Illi ma jidhirx li hemm il-htiga ta' dak mitlub ai termini tal-artikolu 383,384,385,412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll stante l-piena karcerarja.

Decide

Il-Qorti rat l-artikoli 214, 221(1) 257(D)261(a)(c)(e), 262(1)(a), 267, 269(g), 274(c), 276(A), 277(a)279(a), 280(2) 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-kap 446 tal-Ligijet ta'Malta.

Il-Qorti tikkundanna l-imputat komplessivament fuq l-ewwel, t-tieni, it-tielet u r-raba' talba ghall- piena karcerarja effettiva ta' erba' (4) snin li minnha jridu jitnaqqsu z-zmien li inzamm taht arrest preventiv. tichad it-talbiet ai termini tal-artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 383,384,385,412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qed jigi ordnat ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat fuq il-problema ta' droga u sahha mentali ghal zmien tlett snin.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur